## XOGĦLIJIET

### Proġett tad-dawl fil-knisja

Minħabba diversi raġunijiet u diffikultajiet li nqalgħu ma stajniex inkomplu bil-pjan li jsir ix-xogħol tas-sistema tad-dawl fin-naħa tal-presbiterju u l-kor tal-knisja f'dawn ix-xhur tas-sajf. Għalhekk il-quddies tat-7.45am u tad-9.00am ser jiġi ċċelebrat fil-knisja parrokkjali u mhux aktar fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù. Nittamaw li ma ndumux ma nkunu nistgħu nibdew ix-xogħol kif pjanat u niskużaw ruħna jekk ħloqna ftit tal-konfużjoni bit-tibdil tal-quddies. Il-knisja parrokkjali tibqa' miftuħa sal-10.00am.

### Is-Sala Parrokkjali

Ix-xogħol ta' tisbiħ li qed isir fis-Sala Parrokkjali, miexi 'l quddiem u mis-17 ta' Settembru nkunu nistgħu nerġgħu niftħuha għal kull attività organizzata mill-għaqdiet tal-parroċċa tagħna.

Id-*Day Centre* għall-anzjani organizzat mill-Kunsill Lokali tan-Nadur ser jibda nhar l-10 ta' Settembru 2024. Il-post u l-ħin ta' din l-ewwel attività wara s-sajf, ser ikunu avżati aktar 'il quddiem.

### Restawr tat-tużell tal-festa

Bħalissa għadna għaddejjin bil-ġbir tal-istimi meħtieġa għax-xogħol li jeħtieġ isir fuq il-qafas, l-iskultura u l-induratura. U għalkemm għad m'għandniex iċ-ċifra eżatta qed inkomplu niġbru l-offerti ġenerużi tagħkom u qed nittamaw li nsibu wkoll l-għajnuna ta' xi fondi pubbliċi. Sadanittant nixtiequ nirringrazzjaw lil diversi għaqdiet tal-festa u dawk li ngħaqdu magħhom biex joffru s-sehem tagħhom: l-Għaqda Armar Triq il-Kappillan li offrew is-somma sabiħa ta' €400, u l-Għaqda Armar ta' Triq Xandriku li offrew €200. Is-somma totali miġbura sa issa hi dik ta' €2,907.50.

### Linef tal-knisja

Bħalissa mis-sitt linef żgħar tal-kristall qed isir ix-xogħol fuq it-tielet waħda li żżarmat biċċa biċċa ħalli jinbidlu l-wires taċ-ċarruta u l-fildiferru tal-ħadid u jiżdiedu l-biċċiet miksurin jew mitlufin li kellha. Sadanittant inkomplu nirringrazzjaw u napprezzaw il-ġenerożità kbira tagħkom, għaliex din il-ġimgħa daħlet offerta ta' €1,000 għar-restawr tal-ħames linfa.

*Dun Krystof*

## AVVIŻI:

### Sibtijiet tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-Qala

Nhar is-Sibt 31 ta' Awwissu ser jibdew is-Sibtijiet bi tħejjija għall-festa tal-Immakulata fit-8 ta' Diċembru u din is-sena ser inkomplu nżommu t-tradizzjoni sabiħa u devota li nħolqot f'dawn l-aħħar snin fost uħud mill-parruċċani tagħna. Kull nhar ta' Sibt filgħodu nistednukom ninġabru fis-Santwarju tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-Qala, sabiex **fis-6.15am nieħdu sehem fil-quddiesa** ċċelebrata minn Dun Karm Portelli għal dawk kollha preżenti.




### Talba tar-Rużarju fid-dar ta' Frenċ tal-Għarb

Bħalma sar lejlet il-festa ta' Santa Marija Assunta, minn grupp ta' parruċċani li wara l-velja ta' talb li saret ta' Pinu, b'inizjattiva spontanja ngħabru fid-dar ta' Frenċ tal-Għarb biex jitolbu flimkien ir-Rużarju, issa ser nerġgħu noffru din l-okkażjoni **nhar il-festa ta' Marija Bambina**, fit-8 ta' Settembru. Nitilqu minn quddiem iċ-Ċentru fl-4.15pm u niġu lura għall-ħabta tas-6.30pm. Min jixtieq jiġi magħna għandu jirriserva post fil-minibus billi jċempel fl-Uffiċċju Parrokkjali.

## Nota mill-Uffiċċju Parrokkjali

Minn nhar l-Erbgħa 28 t'Awwissu sat-Tnejn 9 ta' Settembru l-Arċipriet ser ikun imsiefer għall-mistrieħ tas-sajf. Għal kull ħtieġa tajjeb tirrikorru fl-Uffiċċju Parrokkjali u jekk ikun neċessarju tistgħu anki titolbu appuntament għal wara dawn id-dati.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am